MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1738/1993/1

**Joseph Borg fil-kwalita` tieghu ta' direttur u in rappresentanza**
**tas-socjeta` Youth Hostels Limited.**

**vs**

**Victor Gauci u Charles Gauci f'isimhom proprio u ghan-nom**
**u in rappresentanza tas-socjeta` Balloons Limited**
**u b'digriet tad-19 ta' Mejju 1995 gie kjamat in kawza Alfred Bugeja.**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment limitat ghall-kwistjoni ta' jekk id-depozitu f'dan il-kaz sarx skond il-ligi o meno. Il-jum appuntat ghas-smiegh ta' l-appell kien it-22 ta' Gunju, 2004, u kien propriju f'dak il-jum li giet depozitata l-kawtela. Pero` f'dak il-jum stess is-seduta kollha giet differita ghal-lum minhabba indisposizzjoni ta' wiehed mill-Imhallfin komponenti din il-Qorti.

Din il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet ta' l-abbili difensur ta' l-appellanti, Dott. Kevin Dingli, dwar din il-kwistjoni. Huwa ssottometta li peress li s-seduta kollha giet differita fit-22 ta' Gunju, 2004 u ghalhekk minghajr ma ssejhet il-kawza "*de quo*", il-kawtela setghet validament tithallas fit-22 ta' Gunju.

Din il-Qorti ma taqbilx. Il-punt in kontestazzjoni diga gie deciz minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2004 fil-kawza fl-ismijiet "Road Servicing Ltd v. General Road Services Ltd", u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-insenjament kontenut f'dik is-sentenza, li ghaliha qed taghmel referenza a skans ta' ripetizzjoni.

Ghall-motivi premessi, peress li f'dan il-kaz id-depozitu tal-kawtela ma sarx skond il-ligi u skond dak dispost fl-Artikoli 209 u 249 tal-Kap. 12, u dan billi l-imsemmi depozitu kellu jsir mhux aktar tard minn jum qabel it-22 ta' Gunju, 2004 u mhux, kif effettivament sar, fit-22 ta' Gunju, 2004, tiddikjara l-appell ta' Victor Gauci u Charles Gauci pro et noe dezert u tordna l-kancellament tieghu minn fuq il-lista. Spejjez ghall-appellanti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------